# 6. Għodwa tar-Rebbiegħa

Il-għanja fuqana ta’ qtajja’ t’għasafar
jittajru, jilagħbu fis-siġar tal-ġnien,
qajmitni mir-raqda u sibt ruħi mgħarrar
ġo dija ta’ difa, ġo ħeġġa ta’ lwien.

’Mma kif ġejt f’sessija ftakart u ħadt qatgħa
li l-lejl kien imqalleb u x-xita bil-qliel:
min jaf x’sar mill-fjuri, miż-żahar li fetħu
fil-friegħi, fis-sniesel bi ħlewwa bla ħjiel?!

L-għasafar fil-għanja qaluli : “R-rebbiegħa
għad għandha mitt barka ġo ħobbha w fil-but;
xejn tibża’! kull qatra li niżlet mis-sema
trid tagħmel nibbieta, jew fjur jew għanqud!”